KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 13

L-għaxar seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Zack Zammit | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:15pm:***

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10, 11, 12;

13.3 Approvazzjoni tal-iskema Lokalitajiet Nodfa

13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

13.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

13.7 Ħlas tal-kontijiet ta' l-ARMS fil-KL;

13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

13.9 Mozzjonijiet;

13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 13.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**13.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat u Z Zammit

## 13.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 10,11 u 12

**13.2.1** Is-Seg. Eżek. qara' xi korrezzjonijiet li rċieva mingħand il-kunsillieri R Borg u Z Zammit.

**13.2.2** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numri 10, 11 u 12 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti. *Approvazzjoni Minuti*

Il-kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier R Borg.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 13.3 APPROVAZZJONI TAL-ISKEMA LOKALITAJIET NODFA

**13.3.1** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill, attivita' sabiex jitnaddaf partijiet tal-lokalita' ġewwa Qui Si Sana f'clean up li ser issir fit-13 ta' Settembru 2025.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 13.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 13.4.1 Laqgħa Ticket Booths:

- Saret laqgħa l-OPM bejn numru ta' entitajiet konċernati nkluż; TM Maritime, Awtorita' ta' l-Artijiet, Uffiċċjali mill-OPM, MTA u KLS
- Diskussjoni dwar l-aħjar strateġija li għandu jadotta l-Gvern sabiex jitneħħew dawk it-*ticket booths* żejda fuq l-*promenade* skont il-*bye-law* maħruġa mill-KLS
- Ser isir ispezzjoni fuq il-post mill-awtoritajiet konċernati
- Is-Sindku spjega l-proċess kollu li ilu jaħdem fuqu l-KLS sabiex titranġa din is-sitwazzjoni darba għal dejjem u t-*ticket booths* jiġu regolarizzati.

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-KL għandu jikteb lill-operaturi ta' dawk it-*ticket booths* li għandhom strutturi kollha sadid u abbandunati sabiex jitneħħew minnufih.

- Is-Sindku spjega li dawn l-operaturi kollha kienu rċevew ittra mingħand il-KL, però ħadd minnhom ma neħħihom.

### 13.4.2 Laqgħa mas-Seg. Parlamentari l-Onor Omar Farrugia

- PWD u KLS biex jikkoordinaw refurbishment totali tal-latrini pubbliċi tat-Torri.
- U-bars għandhom jiġu ordnati u mwaħħla fi Triq Rudolph faċċata ta' Triq il-Knisja.
- KLS biex jitlob lill-perit tagħna sabiex jagħtina stima għal bankina ta' ta' Triq it-Torri minn Triq il-Kulleġġ l-Antik, sa QSS, din għandha tintbagħat lill-uffiċċju tas-Seg. Parl.
- PWD biex jirranġa l-belvedere ta' Fond Għadir Surfside; L-Onorevoli qal li ser jiċċekkja l-istatus tat-tender biex jiġi ittranġata din iż-żona u l-periklu li hemm bħalissa ta' ħitan mhux stabbli.
- Il-KLS għandu jibgħat ritratti lill-uffiċċju tas-Seg. Parl. dwar il-ħitan tas-sostenn ta' Ġnien Indipendenza, sabiex dawn jiġu mibdula, għax huma ta' periklu.

- Outdoor Gym f'QSS: Perit Farrugia biex japplika għal permess PA u jikkumpila l-BOQ.

13.4.3 **Tneħħija ta' l-iskips f'postijiet pubbliċi**

- Is-Sindku spjega li ser jitwaħħlu avviżi fuq l-*iskips* kollha li qed jokkupaw spazju pubbliku fil-ġimgħat li ġejjien.
- Il-Kunsilliera J Higgans qalet li mportanti li mbagħad jitneħħew l-iskips mill-operaturi ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel, però jekk ma jitneħħewx il-KL ma jista' jagħmel xejn bħala nfurzar.
- Il-Kunsillier J Aquilina sostna li l-KL għandu jkun proattivi u b'forza juża l-mezzi kollha li tagħtih il-liġi sabiex jitneħħew u kompla jgħid li dan huwa l-messaġġ li għandu jingħata hemm barra mar-residenti;
  Li iva, l-KL huwa kapaċi bl-għajnuna ta' l-entitajiet ta' l-infurzar, jara li l-*iskips* jitneħħew.

## 13.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**13.5.1** Il-Kunsillier R Borg qal li waqt il-laqgħa tal-kumitat tal-Finanzi, ġie diskuss kif il-*Carrying Capacity Study (CCS)* jista' jiġi attwat u minn fejn il-KL jista' jikseb il-fondi għalih, minn entitajiet tal-Gvern ċentrali.

**13.5.2** Spjega li fil -parti ta' fuq fejn hemm ir-rampa biex tinżel għal Xatt is-Sajjieda (żona ta' Taormina) hemm bżonn li titwessa sabiex ikun iktar faċli għas-sajjieda li iniżżlu d-dgħajjes tagħhom mal-moll.

Kompla jispjega li hemm bżonn li-KL iqabbad perit sabiex isir pjan biex jinbena latrina pubblika f'Xatt is-sajjieda stess, peress li din iż-żona tkun frekwentat minn ħafna nies, speċjalment fix-xhur tas-sajf.

- Is-Sindku qal li l-KL jista' jikkometti ruħu sabiex isiru dawn iż-żewġ proġetti, però hemm bżonn li l-ewwel jitlesta x-xogħol ta' l-Enemalta f'din iż-żona u żoni tal-madwar li għandhom għaddejjin.

**13.5.3** Il-Kunsilliera V Galea Pace staqsiet jekk jista' jsir clean up oħra.

- Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar żmien li ssir Clean Up huwa wara s-Sajf għal ħabta ta' Settembru.

**13.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;**

**13.6.1** Il-Kunsillier W Baldacchino qal li ġie avviċinat minn grupp ta' żgħażagħ li xtaqu għajnuna finanzjarja mill-KL ta' madwar 500 ewro sabiex ikunu jistgħu jixtru flokkijiet għat-tim ġdid li ħolqu, bl-isem ta' *Sliema Beach Soccer*. Kompla jgħid li dan it-tim se jipparteċipa f'kampjonat Malti tal-*Beach Soccer*. Hu ressaq din il-proposta għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti

**Il-kunsillieri preżenti approvaw l-ammont ta' 500 ewro b'mod unanimu.**

**13.7 ĦLAS TAL-KONTIJIET TA' L-ARMS FIL-KL**

**13.7.1** Is-Seg. Eżek. spjega li l-KL irċieva proposta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jibda joffri servizz ta' ħlas tal-kontijiet tad-dawl u lima mill-uffiċċju ta' l-istess KL. Kompla jispjega li qabel ma jikkometti ruħu l-KL, għandu l-ewwel jikseb id-data kollha sabiex ikun jaf kemm il-resident bħalissa jmur l-uffiċċju tal-posta f'tas-Sliema biex iħallas dawn il-kontijiet u allura kemm dan l-ammont ta' nies ser ikollu mpatt fuq l-operat u r-riżorsi umani tal-KL.

Kien hemm diskussjoni mill-kunsillieri preżenti dwar dan.

Is-Seg. Eżek. qal li ser jinforma l-KL bl-informazzjoni kollha dwar dan hekk kif isiru aktar diskussjonijiet ma l-awtoritajiet konċernati.

**13.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**13.8.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier D Soler issekondah.

**13.9 MOZZJONIJIET**

**13.9.1** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

13.10 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

**13.10.1** Is-seduta ntemmet fid-8:30pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 2 t'April 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **29 t'April 2025**

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**